# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 2 ta' Frar 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Magri)**

**vs**

**Jurgen Gatt (KI 378490(M)**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **JURGEN GATT, ta' erbgħa u għoxrin (24) sena, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 378490M, imwieled il-Pietà, Malta, nhar il-ħamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elf u disa' mija u disgħin (1990), iben Benigno u Maria xebba Caruana, u resident fl-indirizz 21, Sur San Nikola, Bormla, Malta**

<u>Akkuzat talli</u>:

***Nhar l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u fil-jiem, ġimgħat u xhur preċedenti, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, anki jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi[1]:***

1. ***Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Jessica Pulis (is-sieħba tiegħu ta' qabel) biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, meta hu kien jaf***

[1] Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

***jew messu kien jaf li l- imġieba tiegħu se tikkaġuna lil Jessica Pulis jew lill-persuni msemmija f'din l-imputazzjoni biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom, liema reat huwa aggravat peress li twettaq kontra s-sieħba ta qabel kif ukoll ripetutament;[2]***

2. ***Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Jessica Pulis (is-sieħba tiegħu ta' qabel) jew ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dak kien ta' fastidju għal Jessica Pulis (is-sieħba tiegħu ta' qabel) liema reat huwa aggravat peress li twettaq kontra s-sieħba ta qabel kif ukoll ripetutament;[3]***

3. ***Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Jessica Pulis (is-sieħba tiegħu ta' qabel).[4]***

*Il-Qorti hija mitluba:*

i. ***Sabiex pendente lite tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-benefiċċju tal-parti leża;***
ii. ***Kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***
iii. ***Kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok AM 4), l-istqarrija tal-imputat (Dok AM 7) u l-atti processwali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u jikkonsulta ruħu mill-ġdid mal-avukat tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li għandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu fejn il-prosekuzzjoni ssuġġeriet illi minhabba l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u kif ukoll minħabba li hu ikkopera mal-Pulizija, il-piena idonea għal dan il-kaz għandha tkun dik ta' *Probation* u Ordni ta' Trazzin u fejn minn naħa tagħha d-difiża ddikjarat li kienet qeda taderixxi ma din is-sottomissjoni anke sabiex l-imputat jingħata l-għajnuna li jinħtieġ.

*IKKUNSIDRAT*

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfacentement ippruvati skond il-Liħi.

---

[2] Artikoli 251B(1)(2), 251H, 251HA, 222(1) u 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikoli 251A(1)(a); 251A(4), 251HA u 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikoli 339(1)(e) u 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi meta tiġi biex tikkunsidra u tikkalibra l-piena li għandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat għall-akkuzi *de quo*, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u ċ-ċirkostanzi ta' kif seħħew, l-ammissjoni bikrija tiegħu, l-fedina penali tal-imputat u kif ukoll il-fatt li huwa kkoopera mal-Pulizija. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom.

Għal dawn il-motivi, u wara l-kunsiderazzjonijiet sudetti, l-Qorti wara li rat Artikoli 18, 251B(1)(2), 251H, 251HA, 222(1), 202(h), 251A(1)(a), 251A(4) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, **ssib lill-imputat JURGEN GATT (KI 378490(M) ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-ħati taħt ordni ta' *probation* għal żmien ta' sentejn (2) bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment**. **Inoltre, b'applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeda tagħti wkoll lill-ħati u toħrog kontra tiegħu Ordni ta' Trażżin fir-rigward ta' Jessica Pulis liema Ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza.**

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-ħati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn (2) u /jew jekk ma joqgħodx għall-ordnijiet lilu mogħtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' *Probation* tigi mogħtija lill-ħati u kopja oħra tiġi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli għas-sorveljanza tal-imputat.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma nġabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-meżż u fiż-żmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur** **2 ta' Frar 2025**